

СЪД НА ЕВРОПЕЙСКИТЕ ОБЩНОСТИ
TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
SODNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE
EIROPAS KOPIENU TIESA



EUROPOS BENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS
AZ EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
CURTEA DE JUSTIȚIE A COMUNITĂȚILOR EUROPENE
SÚDNY DVOR EURÓPSKÝCH SPOLOČENSTEV
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

Stampa u Informazzjoni

INFORMAZZJONI GĦALL-ISTAMPA Nru 14/08

7 ta' Marzu 2008

STATISTIKA TA' L-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA 2007: ŻIEDA FIL-VOLUM TAL-KAWŻI KOMUNITARJI

1 259 kawża ġodda quddiem it-tlett Qrati li jiffurmaw il-Qorti tal-Ġustizzja, li jfisser l-ogħla figura fl-istorja ta' l-istituzzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja

L-istatistika ta' l-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2007 turi titjib sostanzjali meta mqabbla mas-sena preċedenti. Jeħtieġ b'mod partikolari li jiġi indikat it-tnaqqis, għar-raba' sena konsekuttiva, tat-tul tal-kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u ż-żieda ta' madwar 10 % tan-numru ta' kawżi magħluqa meta mqabbla mas-sena 2006.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja għalqet 551 kawża fl-2007 kontra 503 fl-2006 (figuri netti, li jieħdu in kunsiderazzjoni l-kawżi magħquda).

Fir-rigward tat-tul medju tal-kawżi mill-2004, dan jammonta, fir-rigward tar-rinviji preliminari, għal 19,3 xhur fl-2007 filwaqt li kien għal 23,5 xhur fl-2004. Analiżi komparattiva turi li, fl-2007, it-terminu medju ta' kawżi preliminari kiseb l-iktar livell baxx sa mill-1995. Rigward ir-rikorsi diretti u l-appelli, it-tul medju jammonta rispettivament għal 18,2 xhur u għal 17,8 xhur fl-2007 (20 u 17,8 xhur fl-2006).

Fl-2007, tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja 580 kawża ġdida, li jirrappreżenta l-ogħla ċifra fl-istorja tagħha¹ u żieda ta' 8 % meta mqabbla mal-kawżi ġodda fl-2006 kif ukol ta' 22,3 % meta mqabbla mal-kawżi ġodda fl-2005. Min-naħa l-oħra, in-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2007 (741) huwa kważi identiku għal dak ta' tmien is-sena 2006 (731), minħabba ż-żieda fin-numri ta' kawżi magħluqa.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tuża iktar frekwentement il-possibbiltà li tiddeċiedi mingħajr konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, b'hekk madwar 43 % tas-sentenzi mogħtija fl-2007 ġew deċiżi mingħajr konklużjonijiet (33 % fl-2006).

Il-Qorti tal-Prim'Istanza

Matul is-sena 2007, kien hemm 522 kawża ġdida, li jfisser żieda sinjifikattiva meta mqabbla ma' l-2006 (432). Min-naħa l-oħra, in-numru ta' kawżi magħluqa naqas (397 fl-2007 kontra 436 fl-2006). Għandu madankollu jiġi osservat li n-numru ta' kawżi maqtugħa permezz ta' sentenza

¹ Ħlief għall-1 324 kawża ġdida fl-1979. Madankollu, din il-figura eċċezzjonalment għolja hija dovuta għall-introduzzjoni ta' numru qawwi ta' rikorsi għal annullament li kellhom l-istess suġġett.

żdiedu (247 fl-2007 kontra 227 fl-2006) l-istess bħall dak tat-talbiet għal miżuri provviżorji magħluqa (41 fl-2007 kontra 24 fl-2006). Minbarra r-rikorsi importanti allokat i għall-kawża Microsoft vs Il-Kummissjoni² u n-nuqqas – b'differenza għas-snin preċedenti – ta' gruppi kbar ta' kawżi identiċi jew konnessi, it-tnaqqis fin-numru tal-kawżi magħluqa jirriżulta mill-fatt li, b'mod iżjed ġenerali, ir-rikorsi ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza kienu ta' kumplessità u ta' diversità dejjem tikber. Xorta jibqa' l-fatt li, minħabba l-iżbilanċ bejn il-kawżi ġodda u dawk magħluqa, in-numru ta' kawżi pendenti żdied, b'riskju konsegwenti ta' żieda fit-tul tal-kawżi.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza, konxja ta' din is-sitwazzjoni, wettqet riflessjoni profonda fuq il-ħidma tagħha u l-metodi tax-xogħol tagħha sabiex ittejjeb l-effiċjenza tagħha. F'dan il-kuntest, diġà ntqies neċessarju li tiġi emendata l-organizzazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, u dan, b'mod partikolari, sabiex tgawdi bl-aħjar mod miż-żieda fin-numru tal-membri tagħha. B'hekk sa mill-25 ta' Settembru 2007, il-Qorti tal-Prim'Istanza hija komposta minn tmien awli, bi tliet Imħallfin jew, fejn huwa ġustifikat minħabba l-importanza tal-kawża, ħames Imħallfin (kompożizzjoni estiża).

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

Jekk l-ewwel sena ta' attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ntużat fil-parti l-kbira tagħha għad-definizzjoni tal-proċeduri interni u esterni tagħha, u b'mod partikolari għall-elaborazzjoni ta' l-abbozz tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, l-istatistika ġudizzjarja tas-sena 2007 turi attività ġudizzjarja regolari. Fil-fatt, fl-2007, It-Tribunal għalaq 150 kawża, filwaqt li ġew ippreżentati 157 rikorsi. Il-bilanċ bejn in-numru ta' kawżi ġodda u dawk magħluqa huwa għaldaqstant kważi milħuq.

In-numru ta' kawżi pendenti (235) jibqa', f'dan il-kuntest, relattivament għoli minħabba, b'mod partikolari, il-fatt li n-numru ta' kawżi magħluqa matul l-ewwel sena ta' ħidma tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (50) ma jirriflettix il-kapaċità tiegħu ta' deċiżjoni. Barra minn hekk, numru kbir ta' kawżi pendenti ġew sospiżi fl-istennija ta' sentenzi “piloti” tal-Qorti tal-Prim'Istanza jew ta' deċiżjonijiet li kellha tagħti l-Qorti tal-Ġustizzja fuq appell.

It-tul medju tal-kawżi fl-2007 huwa ta' 16,9 xhur għas-sentenzi u ta' 10,3 xhur għad-digrieti

Lingwi disponibbli: Kollha

Din l-informazzjoni għall-Istampa hija ukoll disponibbli fis-sit Internet tal-Qorti tal-Ġustizzja

<http://curia.europa.eu/mt/actu/communiques/index.htm>

Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell

Tel: (00352) 4303 3355 Fax: (00352) 4303 2731

² Sentenza tas-17 ta' Settembru 2007, T-201/04.